MALTA

# QORTI TAL-APPELLI CIVILI (INFERJURI)
# TRIBUNAL TAL-KONSUMATUR

**ONOR. IMHALLEF**
**FILLETTI JOSEPH A.**

Seduta ta' 30 ta' Settembru, 2002

Appell Civili Numru. 1/2001/1

**Pierre u Rita Borg**

**vs**

**Blye Engineering Co. Ltd.**

**Il-Qorti,**

**PRELIMINARI**

1. B'avviz,ipprezentat fit-18 ta' Ottubru 2000 quddiem it-Tribunal tal-Konsumaturi, l-appellati talbu rifuzjoni ta' mitejn lira Maltin (Lm200) rappresentanti l-ammont li, skond huma, gie mhallas akkont tal-prezz ta' air conditioner li allegatament ma setax jintuza aktar, tort ta' hsara fir-remote control.

**L-ECCEZZJONIJIET TA' L-INTIMAT APPELLANT**

2. Is-socjeta' appellanti, permezz tar-rappresentant taghha Raymond Mallia, irrespingiet din it-talba, fost ohrajn, minhabba l-fatt li r-"remote control" ma kienx kopert bil-garanzija riferita fit-talba ta' l-appellat.

## IS-SENTENZA APPELLATA

3. B'sentenza tat-22 ta' Mejju 2001, it-Tribunal, laqa' it-talba ta' l-appellati, limitatament ghall-ammont ta' mija u sittin lira Maltin (Lm160), "b'dan li l-"air conditioner" ghandu jinqala' mill-intimat u jigi proprjeta' tieghu, bl-ispejjez kontra l-istess intimat".

## L-APPELL TA' L-INTIMAT

4. Is-socjeta' intimata hasset ruhha aggravata b'dina is-sentenza u, interponiet appell minnha fuq l-aggravju li, biex wasal ghad-decizjoni tieghu, it-Tribunal strah biss fuq ix-xhieda ta' l-appellati u, fl-assenza tar-rappresentant ta' l-esponenti, ghadda ghas-sentenza, mhux biss bla ma qabbad ebda espert in materja, izda minghajr ma sema' il-qanpiena l-ohra. Dan sar, skond ma jinghad fl-istess sentenza, ghaliex "l-intimat m'attendiex ghas-seduti sabiex jissustanzja dak li ntqal minkejja li kien notifikat."
(i) Illi veru li s-socjeta appellanti kienet giet notifikata bid-data ta' l-ewwel seduta u naqset li tibghat ir-rappresentant taghha ghaliha. Li gara, pero', kien li ntilef l-avviz tas-smiegh u, kuntrarjament ghal dak li sar f'kazijiet ohra fejn parti (mhux assistita) ma tkunx dehret ghall-ewwel seduta, hadd mit-Tribunal ma cempel lill-esponenti biex javzaha bid-data tad-differiment. Kien biss fit-<u>23 ta' Mejju 2001</u> li l-esponenti giet infurmata li <u>l-ghada</u> kienet ser tinghata s-sentenza u immedjatament kitbet biex toggezzjona. Sussegwentement, pero', irrizulta li s-sentenza kienet iggib id-data tat-<u>22 ta' Mejju 2001</u>?!

(ii) Issa, l-appellanti tissottometti li, ladarba it-Tribunal kien dahhal prattika li jinforma, almenu bit-telefon, lil min, ghalkemm notifikat, ma jkunx deher fl-ewwel seduta, allura din il-procedura kellha tigi segwita <u>f'kull kas</u> biex hadd ma jigi zgwidat jew sorpriz. Din il-procedura tixbah li dik fejn il-Qrati normalment jordna l-<u>komunika ta' verbal</u>

lid-difensur tal-parti li ma jkunx deher, partikolarment f'cirkustanzi ta' certa finalita'. Hu x'inhu, l-esponenti kienet tistenna almenu li t-Tribunal, stante r-risposta bil-miktub ta' l-esponenti, jivverifika x'tghid il-GARANZIJA li fuqha kienu qed jistriehu l-appellati.

(iii) Illi, inoltre, skond is-sentenza appellata, il-Lm200 in kwistjoni kienu jirrapprezentaw il-PREZZ ta' l-"air-conditioner" mibjugh. Fil-verita', pero', kif johrog mill-istess talba ta' l-appellati, din is-somma kienet biss AKKONT tal-prezz ta' Lm600. Inoltre, l-esponenti tirrileva wkoll li effettivament il-bejgh ma kienx ta' "air-conditioner" wiehed, izda ta' <u>tnejn f'daqqa</u>.

(iv) Infatti, jidher car li l-appellati zvijaw lit-Tribunal ghaliex ma semmewx li ma kellhom ebda "complaint" dwar l-"air-conditioner" l-iehor u li, b'dana kollu, ma hallsu xejn mill-prezz tieghu! Ghalhekk, l-esponenti tissottometti li fic-cirkostanzi t-Tribunal ma setghax jirrexindi l-bejgh ta' wiehed mill-"air-conditioners", ladarba l-bejgh kien jirrigwarda <u>zewg</u> "air-conditioners" bi prezz komplessiv li <u>jissupera l-kompetenza ta' l-istess Tribunal</u>.

Ghaldaqstant is-socjeta' appellanti din il-Qorti, ghar-ragunijiet kollha fuq esposti, joghgobha tannulla s-sentenza tat-Tribunal fuq riferita u, wara li, jekk hemm bzonn, tisma' mill-gdid lill-partijiet, tiddeciedi l-kas billi tichad t-talba ta' l-appellati, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra taghhom.

**<u>IR-RISPOSTA TA' PIERRE U RITA BORG</u>**

5. L-appellati wiegbu hekk:-

Illi s-sentenza tat-Tribunal tal-Konsumaturi tat-18 ta' Ottubru 2000 hija gusta u timmerita li diga' kkonfermata ghas-segwenti ragunijiet:
(a) Ir-regoli ta' gustizzja ta' natura gew kollha segwiti u l-appellant gie notifikat kif titlob il-ligi. Il-fatt li l-appellant tilef in-notifika ta' l-avviz u l-avviz tas-smiegh la hi tort tat-Tribunal u lanqas ta' l-appellanti. Lanqas ma wiehed ghandu jippretendi, kif l-appellant jippretendi li t-Tribunal

ikun is-segretarja tas-socjeta’ appellanta u joqghod icempel lilha jew issa qed jigi allegat b’xi mod li hemm obbligu mit-Tribunal li jaghmel dan.

(b) Illi ghar-rigward il-meritu tal-kas, din mhix fil-kompetenza ta’ dina l-Onorabbli Qorti u l-ligi applikabbli tipprojbixxi li jsiru t-tali appelli.

Ghaldaqstant l-esponent jissottometti illi dan l-appell ghandu jigi michud u ghandha tigi kkonfermata s-sentenza tat-Tribunal tal-Konsumatur, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra s-socjeta’ appellanti.

**KONSIDERAZZJ0NIJIET TA’ DIN IL-QORTI**

6. Ikkunsidrat li l-ewwel aggravju tas-socjeta’ konvenuta jirrigwarda l-fatt li l-Ewwel Qorti, f’dan il-kaz it-Tribunal specjali, naqset milli ssegwi “procedure” li allegatament kienet stabbilit hija stess, u cjoe’ dik li tiehu hsieb li tinforma almenu permezz ta’ telefonata lill-partijiet fil-Kawza bil-fini li ghalih tkun giet differita l-kawza. Din il-Qorti, wara li semghet u rat x’inhuma s-sottomissjonijiet tal-kontendenti dwar dana l-aggravju jidhrilha li r-regoli tal-procedura huma dawk li jinsabu mnizzlin espressament fil-ligi u ebda parti ma tista’ tippretendi xi dritt akkwizit ghax inzerta – fatt biss allegat – li t-Tribunal gieli addotta s-sistema li joqghod marte proprio jinforma hu kull parti b’dak li jkun sehh f’kull seduta. Il-fatt jibqa’ li, minghajr ebda gustifikazzjoni ta’ xejn, is-socjeta’ konvenuta baqghet ma baghtet lil hadd biex jirraprezentaha fil-kawza u dan l-aktar biex hija tissostanzja l-eccezzjonijiet taghha u fl-istess waqt ukoll twiegeb, billi tirribatti, dak li ppremettew u xehdu dwaru l-atturi appellati. Gara ghalhekk li dak li t-Tribunal kellu quddiemu kienet biss verzjoni wahda. Il-htija ghal dan hija attribwibbli ghall-inadempjenza tas-socjeta’ appellanti u ghalhekk huwa kaz ta’ “imputet sibi”. Dan l-ewwel aggravju qieghed ghalhekk jigi respint.

7. Fil-meritu mbaghad is-socjeta’ konvenuta ssottomettiet li, f’kull kaz, it-Tribunal ma messhux strah biss fuq ix-xhieda “viva voce” ta’ l-atturi. Fost id-dokmenti li suppost

gew ikkunsidrati bhala parti mill-provi, hija ssostni, kellu jkun hemm dokument konsistenti fil-polza ta' assikurazzjoni dwar dan il-bejgh. Li kieku din il-polza giet ezaminata sew – issostni s-socjeta' appellanti – kien jirrizulta illi l-apparat tar-"remote control" ma kienx kopert bl-imsemmija garanzija u stante li l-atturi qatt ma lmentaw mill-"air-conditioning unit" ut sic – allura t-talba taghhom ma kenitx wahda attendibbli imma kienet infondata. Din il-prova dwar il-garanzija pero' ma tirrizultax mill-atti.

8. Din il-Qorti tosserva li aggravji dwar punti merament ta' fatt m'hemmx dritt ta' appell. Dan apparti l-fatt li hija prassi stabbilita ta' din il-Qorti ta' revizjoni li ma tiddisturba qatt leggerment dik l-evalwazzjoni li tkun giet ezercitata mill-ewwel Qorti dwar provi ta' fatt li jkunu gew prodotti quddiemha. Jekk is-socjeta' konvenuta riedet tibni argument rigwardanti l-garanzija moghtija minnha lix-xerrej, kien jispetta lilha u jinkombi fuqha li taghmel tali prova. Minn dan, u kif gja ntqal supra, hija baqghet ma tellghet ebda provi in sostenn ta' l-eccezzjonijiet taghha u kwindi anke dana l-aggravju huwa infondat u qieghed jigi michud. Certament din il-Qorti ta' l-appell m'hijiex qeghda hemm biex tikkunsidra argumenti li m'humiex jew ma gewx sostnuti bi provi fl-ewwel istanza.

Fl-ahharnett, tajjeb li jigi rilevat illi skond verbal datat id-19 ta' April 2002, il-kawza kienet giet imhollija ghat-8 ta' Mejju 2001 proprju biex is-socjeta' konvenuta tressaq ix-xhieda taghha (ara fol 7). Meta ma deher hadd ghas-socjeta' konvenuta biex jixhed, it-Tribunal ma qabadx u ta s-sentenza dakinhar imma rega' ddifferixxa l-kawza ghas-sentenza ghat-22 ta' Mejju 2002. Fic-cirkustanzi, ghalhekk, ma kien hemm xejn "ipprecipitat". In-nuqqas ta' provi da parti tas-socjeta' konvenuta wassal biex it-Tribunal kellu quddiemu biss il-verzjoni mhux kontradetta tal-parti attrici. Dan l-appell ghalhekk huwa manifestament wiehed infondat kemm fil-fatt kif ukoll fid-dritt.

Ghal dawn ir-ragunijiet;

Tiddeciedi billi, filwaqt li tikkonferma s-sentenza appellata, tichad l-appell interpost mis-socjeta' konvenuta bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra taghha.

Dep/Reg
df